6 ta' Frar, 1956

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Chev Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Sancio De Carlo pr. et ne. *versus* Emmanuele Cumbo et.

## Artefiċi — Estensjoni tar-Responsabbiltà Tiegħu

*L-artefiċi għandu jiggarantixxi l-bontà tax-xogħol tiegħu; u din il-garanzija hija impliċita. Huwa tenut anki għall-kolpa ljevi.*

*Jekk l-artefiċi jagħmel ix-xogħol ħażin, lanqas ma huwa esklużi mir-responsabbiltà minħabba l-fatt li ħu'jkun qogħod għal dak li ried il-kommittent; u jibqa' responsabbli l-istess jekk qabel ma beda*

*x-xogħol kien jista' jkun jaf li fil-materja li ħuġha kien ser jaħdem kien hemm xi mankament, u li kwindi x-xogħol kien inutili. Għaldaqstant, jekk l-artefiċi jagħmel xogħol li jirriżulta inutili, u tkun inutili wkoll l-ispiża għall-fornitura tal-materjal in konnessjoni ma' dak ix-xogħol, hu ma għandux dritt jitħallas ta' xogħolu, li għamel inutilment, u huwa responsabbli wkoll għall-ispiża tal-materjal inutilment impjegat f'dak ix-xogħol. Għax la kien jaf b'dik l-inutilità u li x-xogħol kien kontra s-sengħa, ma kienx imissu għamel dak ix-xogħol, u lanqas kien imissu ikkarika lill-kommittent bl-ispiża tal-materjal relattiv.*

Il-Qorti—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur nomine talab illi l-konvenuti jiġu kundannati "in solidum" iħallsu lilu, fil-kwalità tiegħu premessa, is-somma ta' £296. 0. 4, prezz ta' xogħol magħmul fl-iskuna tas-sajd tagħhom u prezz ta' materjal fornit in konnessjoni mal-istess xogħol; bil-lukri kummerċjali mill-ġurnata li fiha l-istess konvenuti ġew notifikati bl-ittra uffiċjali tat-28 ta' Frar 1950, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-istess ittra uffiċjali;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-25 ta' Jannar 1955, li biha ddeċidiet adeżivament għall-istanza bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi x-xogħol u l-materjali fuq indikati ġew mill-attur nomine rispettivament magħmul u forniti in konnessjoni mat-tqegħid ta' mutur fuq il-bastiment, ossija skuna, tal-konvenuti;

Illi l-konvenuti jippretendu li ma għandhomx iħallsu lill-attur nomine għar-raġuni li x-xogħol għamlu, u l-materjal kollu fornieh, minħabba l-fatt li ġegħelhom jixtru l-makna b'"gear-box" difettuża bi promessa li kien kapaċi jsewwihielhom, u anki għaliex l-istess xogħol sar ħażin...;

Illi mill-perizija jirriżulta li ma ġiex soddisfaċentement pruvat li l-attur, jew xi ħadd ieħor għalieh, ġiegħel lill-konvenut jixtri l-"gear-box" difettuż bl-assikurazzjoni li kienet tajba u bil-promessa tal-imsemmi Antonio De Carlo li dana kien kapaċi jsewwiha. Il-konvenuti xtraw l-istess "gear-box" minn għand Antonio Simiana meta

kienet għadha mgħarrqa ġo barge. Il-konklużjoni talperit dwar dan il-pont hija fis-sens illi "l-attur ma għandux jinżamm responsabbli għal dannu kaġunat lill-ewwel "gear-box". In segwitu l-konvenuti xtraw oħra tajba minn għand Mamo, u lanqas għax-xogħol li għamel fiha, stante li meta pprova jsewwiha kien qiegħed jagħmel biss dmiru, ċjoè li jnaddaf u jiffittja l-"gear box" li ġiet provvista lilu mill-konvenuti, li kienu ġew mill-ewwel imwissjia bid-difett li kellha". A propożitu ta' din it-tiswija l-attur xehed, difatti: — "Meta ġew (il-konvenuti) bil-"gear-box" u l-makna, jiena sibt illi l-"gear-box" kienet iġġammjata...... Billi l-konvenut ried li juża lilha stess, tant hu kemm aħna pprokurajna "spares" u ffittjajniha mal-makna";

Illi riferibbilment għall-kwistjoni l-oħra, jekk id-ditta attriċi għamletx xogħol ħażin jew fornietx materjali ħżiena, mill-perizja jirriżulta illi saru xogħolijiet ta' żewġ għamla; ta' inġinerija u ta' karpenterija ta' bastimenti (shipwright). Dak tal-inġinerija sar minn nies tad-ditta attriċi; l-ieħor minn nies imqabbdin mill-konvenuti, u f' dan ix-xogħol id-ditta attriċi ma kellhiex x'taqsam........ Ħadmu tlieta minn nies; l-ewwel tnejn kienu sempliċi karpentieri, li għamlu xogħol ħażin; it-tielet wieħed kien "shipwright", li ġie mqabbad fuq suġġeriment tal-attur, u dan għamel xogħol tajjeb;

Illi jirriżulta wkoll mill-perizija "illi d-difetti li rriżultaw waqt il-provi u l-ħsarat riżultanti minn dawk id-difetti ma kienux konsegwenza tax-xogħol ħażin ta' inġinerija, imma kellhom bħala kawża immedjata x-xogħol ħażin li sar fl-injam tal-bastiment mill-ewwel żewġ karpentieri, li dehrilhom li kienu kapaċi jagħmlu xogħol li seta' jsir biss minn "shipwright", li s-sengħa tiegħu stess tgħallmu dak li hu neċessarrju jsir f'xogħolijiet simili, u prinċipalment l-irbit tax-xogħol ta' li "stern" ikun sod biżżejjed biex ma jagħmel l-ebda moviment meta x-'shaft' ikun qiegħed idur. Ix-xogħol tal-inġinerija li ġie magħmul mid-ditta attriċi, fih innifsu ma kienx difettuż; u d-difetti li bdew jirriżultaw fih kienu dovuti għal xogħol ħażin tal-karpentier, billi l-moviment li kien qiegħed isir fix-xogħol tal-injam

kien bilfors qiegħed jikkaġuna moviment fil-makna u fl-aċċessorji tagħha";

*Omissis;*

Rat fol. 167 il-petizzjoni tal-konvenuti, li *biha talbu* li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li tiġi miċħuda t-talba tal-attur; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Mill-provi — għal dak li jinteressa l-kontroversja kif devoluta għas-soluzzjoni tagħha minn din il-Qorti — jirriżulta dan: —

1. Flimkien mal-makna, li l-konvenuti riedu jqiegħdu fl-iskuna tagħhom, huma kienu ġiebu lill-attur anki "screw" li kien ġie lilhom mogħti mal-makna. L-attur informa lill-konvenuti li dan li "screw" ma kienx tajjeb, għaliex il-"pitch" tiegħu ma kienetx taqbel mar-"ratio" tal-makna; iżda l-konvenuti riedu li jitqiegħed, u l-attur qiegħdu. Ir-riżultat kien kontra s-sengħa ...... Mela, għarrigward ta' dan l-inċident ta' li "screw", il-provi juru li sar xogħol li l-attur kien jaf minn qabel li sejjer ikun ħażin u inutili, kif fil-fatt wera r-riżultat, għalkemm kienu l-konvenuti li riedu li jitpoġġa dak li "screw", li kien "left-handed", kontra l-parir tal-attur;

2. Kwantu għall-"gear-box", jirriżulta li l-ewwel waħda, li l-konvenuti ħadu lill-attur biex iqiegħdielhom fl-iskuna mal-makna, kienet fi stat tali li l-istess attur qalilhom li ma kienx ta' opinjoni li titpoġġa mal-makna. Il-konvenuti, però, riedu li titpoġġa, u l-attur naddafha u pprokura xi "spare parts" għaliha, u ffittjaha mal-makna. Però ma ħadmitx sewwa ......... L-attur kien jaf li l-"gear-box" tal-ewwel kienet batuta ......... Mela jiġi, minn dan li ngħad, li l-attur għamel ix-xogħol relattiv għal din l-ewwel "gear-box" inutilment, fil-waqt li kien jaf li kien xogħol inutili, avvolja avża lill-konvenuti;

3. L-attur kien inkarikat mix-xogħol tal-makkinarju, jew inġinerija. Max-xogħol tal-injam ma kellux x'jaqsam, fis-sens li ma kienx hu l-inkarigat. Iżda dawn iż-żewġ pro-

pożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu kwalifikati b'dan li ġej: —

(a) Meta l-attur għamel ix-xogħol relattiv għall-makkinarju "qabel" ma ġie inkarigat bix-xogħol ix-"shipwright" Camilleri, meta ċjoè l-attur għamel ix-xogħol ta' inġinerija fuq ix-xogħol tal-injam magħmul miż-żewġ persuni l-oħra, li ħadmu qabel Camilleri, hu kien jaf li dak ix-xogħol tal-injam kien ħażin sakemm ix-xogħol tal-injam ma sarx sewwa mix-"shipwright" Camilleri. Infatti ........;

(b) Il-kwalifika l-oħra li għandha ssir għal dawk iż-żewġ propożizzjonijiet hija li t-tifel tal-attur, li, kif ingħad, il-provi juru li kien l-"alter ego" ta' missieru l-attur f'dan in-negozju, ħa parti mhix indifferenti, b'direzzjoni u suġġerimenti, fix-xogħol tal-injam li kien sar ħażin minn nies mhux kompetenti. Hu stess difatti jaċċenna ........;

Mela jidher mill-provi li, għalkemm ma kienx l-attur li kien inkarigat bix-xogħol tal-injam, però setgħa jkun jaf tajjeb li dan ix-xgħol tal-injam, li l-bontà tiegħu kienet element indispensabbli għall-bontà tax-xogħol tiegħu ta' inġinerija, kien sar jew sejjer isir ħażin, u intant hu għamel ix-xogħol tiegħu, li għal dak li sar qabel ma x-xogħol tal-injam sar sewwa mix-"shipwright" Camilleri kien spiża inutili u kien xogħol li ta riżultat ħażin;

Stabbiliti dawn il-fatti, il-Qorti tgħaddi biex tenunċja l-prinċipji legali li għandhom jirregolaw din il-materja;

Dawn il-prinċipji, in kwantu rilevanti għal din il-kawża, jistgħu jiġu enunċjati hekk:

1. L-artefiċi għandu jiggarantixxi l-bontà tax-xogħol tiegħu. Din il-garanzija hija impliċita, in bażi għall-massima "impliciter asserit se sufficienter peritum" (App. Inf. "Carabott vs. Bugeja", 14 ta' Awissu, 1922);

2. Huwa tenut anki għall-kolpa ljevi — "spondens tamquam artifex tenetur de omni culpa artis" (Kumm. 24 ta' Jannar 1951, "Cutajar vs. Portughes");

3. Il-fatt li l-artefiċi jkun qagħad għal dak li ried il-kommittent ma jiskużahx, jekk hu jagħmel xogħol ħażin. Jgħid il-Vita Levi, "Degli Appalti", Vol. II, para. 189, p. 132: — "Chi vi si piega è in colpa; nè basta a scusarlo

anche il più formale e preciso ordine del committente o proprietario; perchè è suo imprescindibile dovere di costru re *secondo l'arte e di dissuadere un proprietario capriccioso* ed ignorante";

4. L-arteficì hu l-istess responsabbli jekk, qabel ma beda x-xogħol tiegħu, kien jista' jkun jaf li fil-materja li fuqha kien sejjer jaħdem kien hemm xi mankament li jirrendi x-xogħol t.egħu inutili. Jgħid il-Laurent, Princip. Dto. Civ., Vol. XXVI, para. 14, paġ. 11:— "Il vizio della materia che fa perire la cosa non dà sempre all' operaio un diritto al salario. Se la natura del vizio è tale che l'operaio abbia *dovuto conoscerlo prima di comincare il suo lavoro, non* può reclamare alcuna mercede; perchè è egli stesso in colpa d'aver lavorato col rischio che l'opera perisse. E' una colpa che si ravvicina al dolo, volendo l'operaio ritrarre il prezzo di un lavoro che sa già di essere inutile per il padrone...... Vi ha la stessa ragione di decidere quando un' opera qualunque perisse per vizio della materia, perchè l'operaio deve conoscere il vizio......" Hekk ukoll il-Cassazione del Regno, fil-kawża "Orazi vs. Filippi", 12 ta' Gunju *1928, żammet il-kostruttur responsabbli avvolja* l-ħsara kienet ġrat mhux in konsegwenza tax-xogħol stess li għamel hu, imma minħabba d-difetti fil-proġett ta' kostruzzjoni preparat minn haddieħor, u li fuqu ħadem il-kostruttur; u dan għaliex hu seta' jinduna bid-difett fil-proġett (Foro It., Rep. 1928);

In bażi għal dawn il-prinċipji, is-soluzzjoni tal-każ hija ovvja;

Hu ċar, infatti, li x-xogħol relattiv għall-ewwel "screw" *li ssemma* fuq, u dak relattiv għall-ewwel "gearbox" li ssemma fuq, kien xogħol inutili, u li kienet ukoll spiża inutili l-fornitura tal-materjal in konnessjoni ma' dak ix-xogħol; u l-attur, li kien jaf b'dik l-inutilità, għax kien jaf li x-xogħol kien kontra s-sengħa, ma jmissux, la għamel ix-xogħol relattiv, u lanqas ikkarika lill-konvenut bl-ispiża tal-materjal relattiv;

Hu ugwalment ċar li l-attur kien jaf li kwalunkwe xogħol ta' makkinarju jew inġinerija, li hu kien sejjer jagħ-

mel qabel ma x-xogħol tal-injam isir minn "shipwright" tajjeb, kien għal ta' xejn, kif ukoll għal ta' xejn l-ispiża tal-materjal użat f'dan ix-xogħol inutili; u ma kienx imissu għabba lill-konvenuti b'ebda kumpens ta' xogħol u spiża ta' materjal qabel ma x-xogħol tal-injam ikun sar minn "shipwright" kompetenti;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tipprovvedi b'dan il-mod;

Tirrimetti l-proċess lill-periti ġa nominati, assistiti, kif ġa provvdut, mill-Avukat Dr. Edwin Bonello, sabiex dawn, għas-spejjeż provviżorjament tal-konvenut, wara li jagħmlu l-indaġini u l-kalkoli meħtieġa, bl-istess fakoltajiet ta' qabel, jissuġġerixxu f'relazzjoni supplementari liema somma, fil-fehma tagħhom diskrezzjonali, għandha tinqata' mill-kont tal-attur mħabba x-xogħol li sar inutilment u l-materjal inutilment impjegat, għas-sens tal-premess;

Il-periti jistgħu jaħilfu r-relazzjoni tagħhom fir-Reġistru, u għandhom jippreżentawha mhux aktar tard mil-5 ta' Marzu, 1956; għal liema ġurnata tibqa' rinvijata l-kawża;

L-ispejjeż ta' dina d-deċiżjoni jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni finali.